Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 157 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Agriculture - Dip.Agric.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ippromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric.

(2) F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Il-Bord" tfisser il-Bord ta' L-Istitut ta' l-Agrikultura;

"Id-Diploma" tfisser id-Diploma in Agriculture - Dip. Agri.;

"L-Istitut" tfisser l-Istitut ta' l-Agrikultura;

"Il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma in Agriculture - Dip. Agric.

Applikabilita'

2. Dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw għal korsijiet li bdew f'Ottubru 1995 jew wara.

Eliġibbilita' għad-Diploma

3. Kandidat għandu biex ikun eleġibbli għall-għoti tad-Diploma:

(a) jirreġistra bħala student regolari ta' l-Universita' ta' Malta fl-Istitut ta' l-Agrikultura għal perjodu ta' sena.

(b) jtemm il-Kors, jikseb il-kredti meħtieġa u jgħaddi b'suċċess mill-eżamijiet skond dawn ir-Regolamenti.

(c) jissottometti rapport ta' proġett f'suġġett approvat agrikolu għas-soddisfazzjoni ta' l-eżaminaturi; u

(d) jissodisfa ir-rekwiżiti l-oħrajn kollha stabiliti f'dawn ir-Regolamenti u f'Regolamenti relevanti oħra u l-Istatuti ta' l-Universita'.

Reġistrazzjoni

4. Kandidat jista' jirreġistra bħala student regolari fil-Kors jekk huwa:

(a) għandu 17-il sena fi żmien tlett xhur skond il-kalendarju mid-data tal-bidu tal-Kors; u

(b) jissodisfa r-rekwiżiti tad-dħul għar-reġistrazzjoni skond ir-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Universita' u jgħaddi fil-Kimika u l-Bijoloġija f'livell Avvanzat; jew

jissodisfa r-rekwiżiti tad-dħul għal studenti bi prova kif speċifikat fir-Regolament 5 taħt, iżda l-istudenti bi prova jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess Programm ta' Fondazzjoni kif speċifikat fir-Regolament 7 taħt.

Rekwiżiti għad-dħul għal Studenti bi Prova

5. Kandidat għandu jipposjedi wieħed minn dawn li ġejjin sabiex ikun ammess bħala student bi prova fil-Kors:

(a) Sitt Ċertifikati ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, li jinkludu l-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett fix-Xjenza bi grad 5 jew aħjar;

(b) Diploma mill-Kulleġġ ta' l-Agrikultura tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bi grad ta' mertu jew aħjar, jew kwalifika simili, li fl-opinjoni tal-Bord hija ekwivalenti għal din il-kwalifika.

It-Tul tal-Kors

6. (1) Il-Kors jestendi fuq sena ta' studju *full-time* għal kandidat regolari.

(2) Student ma jistax jagħmel l-eżamijiet finali qabel sena u mhux aktar tard minn sentejn mill-ewwel reġistrazzjoni bħala student regolari ħlief bil-permess tas-Senat.

(3) Student li jkun daħal għall-Kors bħala student bi prova ma jistax joqgħod għall-eżamijiet finali aktar tard minn tlett snin mill-ewwel reġistrazzjoni ħlief f'ċirkostanzi speċjali bil-permess tas-Senat.

Programm ta' Fondazzjoni

7. (1) Il-Programm ta' Fundazzjoni jestendi fuq perjodu ta' sena ta' studju *full-time* u huwa intenzjonat għal studenti bi prova biss. Dan il-Programm jikkonsisti fi:

(a) taqsimiet studju li huma assenjati mhux anqas minn 20 kredtu fil-ħames moduli li ġejjin: Kimika, Bijoloġija, Bioteknoloġija, Xjenza ta' l-Uċuh tar-Raba', u Xjenza ta' l-Annimali.

(b) Prattika fl-Agrikultura li hija assenjata mhux inqas minn żewġ kredti.

(2) Katalgu tat-taqsimiet studju f'kull modulu, bil-kredti assenjati għal kull waħda, għandhom ikunu ppubblikati mill-Istitut qabel il-bidu ta' kull Kors.

(3) Kredti huma assenjati skond il-gradi li ġejjin f'ordni ta' meritu mill-ogħla sa l-inqas: A, B, C, D, jew F, fejn F tindika li Weħel. Student li jeħel f'xi

kredtu ta' taqsima studju jerġa' jitħalla jkun ittestjat darba oħra biss. Il-kredtu ta' l-istudent għandu jkun jew D jew F f'din ir-rivalutazzjoni.

(4) Il-Prattika fl-Agrikoltura għandha ssir jumejn fil-ġimgħa fi stabbiliment approvat taħt is-supervizjoni ta' għalliem fuq il-post rikonoxxut mill-Istitut u suġġett għal valutazzjoni kontinwa.

(5) Eżamijiet fil-ħames moduli elenkati f'paragrafu (1) (a) ta' dan ir-Regolament isiru normalment f'Ġunju fi tmiem il-Kors ta' Fundazzjoni, għandhom jikkonsistu f'ħames karti bil-miktub ta' tlett sigħat kull waħda. Ir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet għandhom ikunu ggradati A, B, C, D jew F, fejn F tindika li Weħel. Student li jeħel f'xi karta għandu jitħalla jerġa' jagħmel l-eżami darba biss f'sessjoni supplementari, li normalment issir f'Settembru. Il-kredtu ta' l-istudent għandu jkun D jew F fir-rivalutazzjoni.

(6) Student bi prova li jtemm b'suċċess il-Programm ta' Fundazzjoni għandu jkun intitolat li jkun rreġistat bħala student regolari fil-Kors.

Il-Programm tad-Diploma

8. (1) Il-Programm tad-Diploma għandu jikkonsisti f':

(a) Taqsimiet studju li huma assenjati mhux anqas minn 24 kredtu fil-ħames moduli li ġejjin: Produzzjoni ta' Annimali, Produzzjoni ta' Għelejjel, Xjenza tal-Ħamrija, Ekonomija u Negozju Agrikoli, u Inġinerija Agrikola;

(b) Prattika Agrikola hija assenjata mhux inqas minn 2 kredti;

(c) rapport ta' proġett ta' 5000 kelma fuq suġġett approvat.

(2) Katalgu ta' kull taqsima studju f'kull modulu, bil-kredti assenjati għal kull waħda, għandhom ikunu ppubblikat mill-Istitut qabel il-bidu ta' kull Kors.

(3) Kredti huma assenjati skond il-gradi li ġejjin f'ordni ta' merti li jibda mill-ogħla għall-inqas mertu: A, B, C, D jew F, fejn F tindika li Weħel. Student li jeħel f'xi kredtu għal taqsima studju jitħalla jkun ittestjat mill-ġdid darba biss. Il-kredtu ta' l-istudent ikun D jew F fir-rivalutazzjoni.

(4) Il-Prattika Agrikola għandha ssir darbtejn fil-ġimgħa fi stabbiliment approvat taħt is-supervizjoni ta' għalliem fuq il-post rikonoxxut mill-Istitut u suġġett għal valutazzjoni kontinwa.

(5) L-istudent għandu joqgħod għal eżami f'kull modulu elenkat f'paragrafu (1)(a) ta' dan ir-regolament fi tmiem kull sena. Kull modulu għandu jkun kopert minn karta ta' l-eżami ħlief il-Produzzjoni ta' Annimali u l-Produzzjoni ta' Għelejjel , li jkunu lkoll koperti minn żewġ karti kull wieħed. L-istudent għandu jkun eżaminat u ggradat f'kull karta. Il-karti huma ggradati f'ordni ta' mertu li jinżel mill-ogħla għall-inqas; A, B, C, D jew F, fejn F tindika li Weħel.

(6) Student li ma jgħaddix taħt paragrafu (5) ta' dan ir-regolament f'mhux aktar minn tlett karti għandu jirrepeti l-eżamijiet darba biss f'sessjoni supplementari, li normalment issir f'Settembru, iżda l-Grad mogħti fl-eżami supplementari għandu jkun D jew F.

(7) Ir-Rapport tal-Proġett għandu jkun iggradat f'ordni ta' mertu li jinżel mill-ogħla għall-inqas A, B, C, D, u F, fejn F tindika li Weħel. Student li jeħel fir-Rapport tal-Proġett għandu jitħalla jagħmel sottomissjoni waħda tar-rapport fejn il-Grad għandu jkun D jew F.

Riżultati

9. (1) Ir-riżultati ta' kull student għandhom iqisu l-kredti miksuba u r-riżultati ta' l-eżamijiet bil-miktub f'kull modulu, u l-merti tar-Rapport tal-Proġett.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għad-Diploma għandhom jkunu ppubblikati f'ordni alfabetiku u kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.